**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 118/2012**

**Illum: 30 ta' Mejju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Claire Farrugia**
**(ID 15979(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Claire Farrugia, ta' 33 sena, bint Anthony u Margareth nee` Psaila, imwielda Attard fis-26 ta' Dicembru 1978, residenti 'Marton', Triq il-Maghsar, Haz-Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 15979(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Novembru 2011 u fis-seba' xhur ta' qabel din id-data:

Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima

tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga; u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-3 ta' Novembru 2011 f'dawn il-Gzejjer:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija:

i) Titratta mal-imputata Claire Farrugia talli hija recidiva b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

ii) Tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami taghha skont il-ligi, l-imputata wiegbet illi mhijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, kif ukoll illi ma kellha l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Nhar it-3 ta' Novembru 2011, WSCO Mary Azzopardi u WCO 6 Carmen Briffa inghataw ordni mill-Maggur Maria Vassallo sabiex jaghmlu *strip search* lil Claire Farrugia ossia lill-imputata odjerna, li kienet marret gewwa l-Facilita` sabiex tara lil Elaine Rapinett li dak iz-zmien kienet detenuta. Ghall-habta tat-3:00 p.m., l-istess imputata waslet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordina, giet infurmatha li kienet ser issirilha *strip search*, din accettat u hekk kif hija giet mitluba sabiex iddur u titbaxxa, WSCO Mary Azzopardi rat bicca *tissue* fil-parti private tal-imputata, li dehret suspettuza. Hekk kif giet mistoqsija dwar dan, l-imputata immedjatament dahhlitha 'l gewwa, bdiet tippanikja u riedet titlaq 'l barra. Dak il-hin, l-istess WSCO Azzopardi talbet lir-*receptionist* sabiex icempel lill-ufficjali tal-SRT u wiehed minnhom ossia CO 85 cempel gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid. Xi nofs siegha wara waslet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin WPS 167 li kellmet lill-imputata u qaltilha li kienet ser issirilha *strip search* ohra. Hemmhekk l-imputata

ghaddiet dak li kellha fil-parti taghha lil WPS 167. Skont l-istess WSCO Azzopardi, dan kien jikkonsisti fi tliet bocci bi trab kannella.[1]
WCO 6 Carmen Briffa tixhed dwar dan l-incident, izda ma ssemmix il-persuna li lilha saret is-*strip search* fix-xhieda taghha. Biss tghid illi din it-tfittxija saret fit-3 ta' Novembru 2011, ghall-habta tat-3.00 p.m. u li l-Maggur Mary talbitha sabiex tassistiha fi *strip search*. Tghid ukoll illi x'hin il-persuna in kwistjoni bdiet tinza, il-Maggur issuspettat li kellha xi *tissue* u din talbitha biex taghtihielha. Tghid ukoll illi din il-persuna bdiet tghid illi ma kellha xejn u riedet titlaq, fis-sens illi talbithom biex ihalluha titlaq, fil-waqt illi l-Maggur sejjhet lill-membri tal-SRT. Tghid illi hija ma ratx din it-*tissue* ghaliex mill-angolu fejn kienet, hija ma setghetx taraha, anke ghaliex il-kamra kienet wahda zghira hafna.[2] Ghalkemm din ix-xhud ma ssemmix l-isem tal-persuna li lilha saret it-tfittxija, biss huwa evidenti anke mix-xhieda ta' WSCO Azzopardi li tghid li WCO 6 kienet prezenti maghha waqt l-istess, illi WCO 6 kienet qeghda tirreferi ghal dan il-kaz u ghall-imputata odjerna.

WPS 167 Justine Grech tixhed illi dakinhar tat-3 ta' Novembru 2011, gewwa l-ghassa ta' Rahal Gdid ircevew telefonata mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan fis-sens illi kien hemm suspett illi certa Claire Farrugia, li kienet marret taghmel zjara lil xi priguniera, kellha sustanza llegali fil-pussess taghha. Hija marret gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, tkellmet ma' WSCO Mary Azzopardi li qaltilha li waqt *strip search*, hija nnutat bicca *tissue* fil-parti intima tal-imputata u li din ippanikjat u riedet titlaq. Ghalhekk WPS 167 tkellmet mal-imputata u nformatha li kienet ser issirilha *strip search* ohra, infurmatha li kien ikun ahjar li tikkopera maghhom u waqt din it-tfittxija, minn jeddha, l-imputata harget *tissue* mill-parti taghha, liema *tissue* kienet tikkontjeni borza zghira bi trab kannella u zewg boroz zghar bi trab abjad.[3]

Skont ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, mahtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman, huwa nghata borza tal-plastik trasparenti li fuq barra taghha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Mgt. M. Hayman LL.D., 03.11.11, Corradino Correctional Facility x 3 small plastic bags with brown powder". F'din il-borza kien hemm ingwanta tal-*latex* u tlett boroz zghar bi trab ta' lewn kannella go fihom. Il-piz rispettiv tat-trab f'dawn il-boroz kien ta' 0.88 grammi, 1.14 grammi u 0.68 grammi. L-istess espert

---

[1] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' WSCO Mary Azzopardi, a fol. 46 sa 51 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' WCO 6 Carmen Briffa, a fol. 43 sa 45 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' WPS 167 Justine Grech, a fol. 34 sa 40 tal-process.

ikkonkluda illi t-trab ta' lewn kannella li kien hemm fit-tliet boroz zghar tal-plastik fid-dokument moghti lilu, f'ammont nett totali ta' 2.70 grammi, ta rizultat posittiv ghall-presenza tal-herojina. Il-purita` medja tat-trab ta' lewn kannella, fit-tliet boroz tal-plastik, ghas-sustanza herojina kienet ta' 27.2%.[4] Il-boroz bit-trab kannella jidhru fotografati fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer*, PS 465 Daniel Abela.[5] Il-Qorti tinnota illi f'dawn ir-ritratti t-trab fi tnejn mit-tliet boroz jidher izjed car fil-lewn mit-trab fit-tielet borza u ghalhekk il-Qorti tista' tifhem x'wassal lil WPS 167 biex tindika li kien hemm trab abjad fi tnejn mill-boroz. Fi kwalunkwe kaz, WSCO Azzopardi li wkoll kienet prezenti meta giet ikkonsenjata d-droga mill-imputata lil WPS 167 tikkonferma li t-trab fil-boroz kien kannella.

L-imputata rrilaxxjat zewg stqarrijiet lill-pulizija ossia wahda dakinhar tat-3 ta' Novembru 2011 u ohra nhar l-1 ta' Marzu 2012. Fl-ewwel stqarrija taghha[6], rilaxxjata minnha wara li nghatat is-solita twissija, kif ukoll illi kellha l-jedd li tikkonsulta ma' avukat, liema jedd hija ghazlet li ma tezercitahx, hija tikkonferma li dakinhar, giet arrestata stante illi nqabdet diehla fil-habs qabel visita u fuq il-persuna taghha nstabulha tliet pakketti bi trab kannella. Tghid illi hija kella vizita ma' Elaine Rapinett, priguniera fil-habs, li l-vizita kellha tkun fis-2.30 p.m. u li ghamlulha *strip search* li fiha ma sabu xejn. Zammewha milli taghmel il-vizita u cemplu lill-pulizija u meta waslet pulizija mara, minn jeddha hija tatha tliet boroz "*timmagina*" bl-*ismack* ossia eroina, li kienu fil-parti intima taghha. Tghid ukoll illi Rapinett kienet taf b'din id-droga li sabulha l-pulizija u dan ghaliex hija cemplitilha kemm il-darba fuq il-*mobile* taghha 79824771, biex titlobha ggibilha l-eroina meta tmur taraha l-habs. Tghid in oltre illi Rapinett kienet tghidilha "*gibli dik*" u hija kienet tifimha ghaliex taf li Rapinett tuza d-droga. L-imputata tghid illi dakinhar ghall-habta ta' xi l-10.30 a.m., Rapinett cemplitilha darbtejn fuq il-*mobile* taghha u talbitha tiltaqa' ma' terza persuna hdejn l-*MCast* u li dan kellu jaghtiha xi haga. Hija mill-ewwel fehmitha li kienet qed tirreferi ghad-droga u ghall-habta tas-2.30 p.m. harget mill-iskola, mar wiehed b'karozza griza, taha tliet boroz u qeghdithom f'*tissue* fil-parti taghha fit-*toilet* tal-iskola, imbaghad telqet il-habs biex taghmel il-vizita ma' Rapinett u nqabdet bid-droga. Kienet Rapinett li qaltilha l-hin li fih kellha tiltaqa' mat-terz. Innegat li dahhlet droga fil-habs lil Rapinett drabi ohra qabel dakinhar u tghid illi hija wkoll tuza d-droga u kienet ghamlet xi zmien il-habs in konnessjoni ma' droga. Lil Rapinett kienet tafha kemm fil-habs,

---

[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 192 tal-process.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 128 *et seq* tal-process.
[6] Din tinsab esebita a fol. 28 sa 29 tal-process.

kif ukoll minn qabel fic-cirku tad-droga. Tghid illi hija ma hallsitx ghad-droga moghtija lilha mit-terz u li ma kinitx tafu. Rapinett ma qaltilhiex kif sar il-hlas ghad-droga. Tghid illi Rapinett iccemplilha kemm fuq il-*mobile* taghha u anke fuq in-numru tad-dar 21808121. Tghid ukoll illi Rapinett kienet ilha titlobha d-droga, izda dakinhar hija thassritha u accettat li taghmel dak li talbitha.

Din l-istqarrija giet mahlufa mill-imputata quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ghada l-4 ta' Novembru 2011. B'referenza ghall-kliem taghha fl-istqarrija fejn hija tghid illi "*nimmagina bl-smack*", hija tfisser illi ma rathomx u li kienet Rapinett li qaltilha biex iggibilha "*dik*", li hija fehmet li kienet droga ghaliex fuq it-telefon tal-habs mhux ser titkellem car. Tghid illi fehmitha ghaliex taf li Rapinett tuza d-droga eroina u dan tafu stante illi kienet taf lil Rapinett barra l-habs, minn qabel u kienet ilha tafha. Terga' tghid illi din kienet l-ewwel darba li dahhlitilha d-droga, ghalkemm gieli kellha viziti ohrajn ma' Rapinett u ghalkemm kien hemm drabi ohrajn li Rapinett talbitha d-droga. Tghid illi din id-darba, madankollu, Rapinett dejjqitha tiffittaha. Tghid ukoll illi prezentement ma kellhiex problema tad-droga, ghalkemm qabel kellha l-vizzju tal-eroina.

Fl-1 ta' Marzu 2012, imbaghad, l-imputata rrilaxxjat it-tieni stqarrija taghha u dan wara li giet moghtija s-solita twissija skont il-ligi, kif ukoll id-dritt li tottjeni parir legali. Tghid illi kien hemm izjed minn okkazzjoni wahda li fiha dahhlet id-droga eroina lil Rapinett u dan fuq perjodu ta' bejn wiehed u iehor sitt xhur qabel ma giet arrestata gewwa l-habs f'Novembru 2011. Ma kinitx taf l-ammonti li dahhlet bl-ezatt, izda tahseb li kienu inqas minn dak ta' Novembru 2011 u tahseb li dahhlet id-droga eroina xi tliet darbiet. Ma kienet tiehu xejn talli kienet taghmel dan. Tghid illi ma tafx min hi l-persuna li minghandha kienet tixtri l-eroina ghal Rapinett u li ma kinitx tixtri minghand l-istess persuna. Tghid ukoll illi kienet tmur bil-mixi f'Rahal Gdid u wara li tinghata l-boroz tal-plastik bl-eroina, kienet tahbi d-droga fil-parti taghha u tibqa' sejra l-habs biex tghaddiha lil Rapinett.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx dubju mill-provi prodotti illi nhar it-3 ta' Novembru 2011, l-imputata dahlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex taghmel zjara lill-priguniera, certa Elaine Rapinett u fil-pussess taghha nstabu tliet boroz bit-trab kannella, liema boroz kienu mohbija fil-parti taghha. Irrizulta illi t-trab in

kwistjoni kien jikkontjeni d-droga eroina. Jirrizulta car mix-xhieda prodotta illi kienet WCO Mary Azzopardi, li waqt *strip search* li kienet qeghda ssir lill-imputata, innutat bhal *tissue* fil-parti intima tal-istess imputata u li sussegwentement, l-imputata ghaddiet din it-*tissue* bil-kontenut taghha, ossia t-tliet boroz imsemmija, lil WPS 167 Justine Grech.

Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra xi punti mqajjmin mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha u anke matul dawn il-proceduri.

Id-difiza tissottometti illi t-tfittxija ossia l-i*strip search* li saret lill-imputata hekk kif hija dahhlet ghaz-zjara gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kienet wahda illegali u irregolari. Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-prassi gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin hija illi l-Ufficjali tal-Habs jinfurmaw lill-vizitatur li ser issirlu *strip search* u kemm il-darba dan jirrifjuta, allura jintalab jitlaq. Jirrizulta wkoll illi l-vizitatur ma jigix infurmat illi jista' jirrifjuta din l-i*strip search*. Kien proprju dan li gara fil-kaz odjern ossia illi l-imputata giet infurmatha li kienet ser issirilha *strip search*, ma kienx hemm rifjut da parti taghha u ghalhekk din it-tfittxija saret[7], bir-rizultat illi meta gie innutat oggett suspettuz fil-parti taghha, din imbaghad riedet titlaq u ma thallietx. Skont id-difiza, il-fatt illi l-imputata ma gietx avzata illi hija setghet tirrifjuta din it-tfittxija, irrenda dak kollu li sar illegali u rregolari.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tinnota illi r-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jghid hekk:

"*(1) Kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier ghandha tikxef l-identita` taghha lill-ufficjal tal-habs responsabbli.*

*(2) Id-Direttur jista' jordna li ssir tfittxija fuq kull persuna li tkun waslet biex izzur prigunier. Dik it-tfittxija ghandha ssir minn ufficjal tal-habs ta' l-istess sess bhall-vizitatur u ghandha tigi dokumentata fir-registru msemmi fir-regolament 52(9).*

[7] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' WCO Mary Azzopardi, a fol. 46 sa 51 tal-process u a fol. 214 sa 218 tal-process u x-xhieda ta' SCO Frans Agius, a fol. 163 sa 172 tal-process.

*(3) Kull persuna li tirrifjuta li tikxef l-identita` taghha jew li toqghod ghal ordni tad-Direttur skond is-subregolament (2) ghandha tigi michuda permess biex taghmel iz-zjara.*

*(4) Il-kazijiet kollha li fihom zjara tigi michuda taht is-subregolament ta' qabel dan ghandhom jigu dokumentati fir-registru msemmi fir-regolament 52(9)*."

Il-Qorti tinnota illi dan ir-Regolament jaghti s-setgha lid-Direttur tal-Habs sabiex jordna tfittxija fuq vizitatur ossia persuna li tmur gewwa l-habs sabiex izzur prigunier u jipprovdi illi kemm il-darba dak il-vizitatur jirrifjuta li joqghod ghal tali ordni ta' tfittxija, huwa ghandu jigi mcahhad milli jaghmel dik iz-zjara. Imkien ghalhekk dan ir-Regolament ma jghid jew jezigi illi l-ufficjali tal-habs ghandhom javzaw lill-vizitatur li huwa jista' jirrifjuta li joqghod ghal tfittxija li tigi ordnata mid-Direttur tal-Habs, kif qeghda tippretendi d-difiza. Fil-fehma tal-Qorti, apparti l-kliem inniffsu tar-regolament li ma jezigix tali avviz lill-vizitatur, wiehed ghandu jqis ukoll il-kuntest ta' tali regolament u l-ghan tieghu. Meta vizitatur jidhol gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex izur prigunier, dan ghandu jistenna li jissoggetta ruhu ghar-regoli ta' dik il-Facilita`, b'mod partikolari regoli li jassiguraw is-sigurta` tal-post u tal-abitanti tieghu, kif ukoll illi ma jigux introdotti oggetti llegali jew projbiti gewwa l-istess Facilita`. Ghalhekk meta wiehed jirrifjuta li jassoggetta ruhu ghal dawk ir-regoli, il-konsegwenza logika u necessarja hija li huwa jigi rifjutat dhul gewwa l-istess Facilita`. Izjed minn hekk, il-ligi ma titlobx u ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi kien hemm xi rregolarita` fil-mod li bih l-imputata odjerna giet assoggettata ghall-*strip search* li saret lilha. Hija ma rrifjutatx din l-i*strip search* jew tal-inqas ma tat l-ebda indikazzjoni li kienet qeghda tirrifjuta, tant illi hija assoggettat ruhha ghaliha u fi kliem WSCO Mary Azzopardi, l-imputata lilha ma qaltilhiex li kienet qeghda tirrifjuta, izda "*Riedet taghmlu strip search*", "*Ghidtilha ser ssirlek strip search u qaltli iva*".[8] Jirrizulta wkoll illi kien wara li l-istess WSCO Mary Azzopardi kienet diga`, waqt din l-i*strip search*, innutat l-oggett suspettuz fuq il-persuna tal-imputata ossia *tissue* hierga mill-parti taghha, illi l-istess imputata riedet titlaq, izda f'dan il-punt giet mizmuma sakemm gew il-pulizija, biex imbaghad minn jeddha, hija ghaddiet id-droga eroina lil WPS 167. Ma' dan il-Qorti zzid ukoll illi l-imputata kienet hija stess ghamlet zmien detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u in oltre din ma kinitx l-ewwel darba li zaret lil Rapinett u allura jsegwi illi l-istess imputata kienet taf ben tajjeb x'kienu l-proceduri gewwa l-habs. Tant u hekk illi kemm

[8] Ara a fol. 50 u 51 tal-process.

f'din l-okkazzjoni, kif ukoll fl-okkazzjonijiet precedenti, hija hbiet id-droga fil-parti privata taghha qabel iz-zjarat lil Rapinett u dan, fil-fehma tal-Qorti, proprju ghaliex kienet taf bit-tfittxijiet li jsiru lill-vizitaturi.

Dwar din is-*strip search*, id-difiza tissottometti wkoll illi r-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03, ma jaghtix il-poter lid-Direttur tal-Habs li jordna li jsiru tali tfittxijiet fuq il-vizitaturi. Skont id-difiza, meta l-ligi riedet taghti dan il-poter, dan ghamlietu espressament, kif jidher fir-Regolament 6 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja, fejn il-ligi specifikatament issemmi illi prigunier jista' jigi ordnat jinza hwejjgu. Tissottometti ghalhekk id-difiza, illi din it-tfittxija ma setghetx issir fuq l-imputata odjerna, li kienet biss vizitatur.

Dwar dan, il-Qorti tinnota illi huwa minnu illi l-imsemmi Regolament 58 juza biss il-kelma "*tfittxija*" minghajr ma jispecifika t-tip ta' tfittxija li jista' jordna d-Direttur tal-Habs fuq vizitatur, fil-waqt illi r-Regolament 6 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja, fis-subregolament 2 tieghu jghid illi "*It-tfittix fuq prigunier ghandu jsir b'osservanza kif imiss tad-decenza u tad-dinjita` personali u bl-aktar mod dekoruz li jkun konsistenti mal-htiega ta' kxif ta' xi oggett mohbi.*" Is-subregolament 3, imbaghad, jispecifika illi "*Prigunier jista' jigi ordnat jinza' hwejjgu sabiex issirlu tfittxija kif provdut fis-subregolament (4)*", liema subregolament ikompli jitkellem dwar spezzjonijiet fil-kavitajiet tal-gisem. Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm ir-Regolament 58 ma jispecifikax it-tip ta' tfittxija li tista' ssir fuq vizitatur u lanqas allura ma jghid b'mod specifiku illi vizitatur jista' jigi ordnat li jnehhi hwejjgu, kuntrarjament ghal dak li jispecifika r-Regolament 6 fil-kaz tal-prigunier, biss fl-interpretazzjoni ta' din il-parti tal-ligi, wiehed ghandu jqis ukoll l-ghan ewlieni tar-regolamenti in kwistjoni u naturalment illi s-sitwazzjoni tal-prigunier gewwa l-habs hija ferm diversa minn dik tal-vizitatur. Ir-Regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti jindika l-principji bazici u l-objettivi ta' trattament gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u, skont ir-Regolament 2, safejn prattikabbli, ghal kull post iehor, bini iehor jew parti minn bini iehor dikjarati li jkunu habs taht l-Att dwar il-Habs. Ai termini tar-Regolament 3:

"*(1) Fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ghandhom f'kull zmien ikunu osservati dawn il-principji bazici u objettivi ta' trattament li gejjin:*

*(a) L-ghan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jitnissel fil-prigunieri sens ta' dixxiplina u responsabbiltà u, safejn possibbli li dawn ikunu jistghu jirriformaw il-*

*karattru taghhom waqt li jkunu qeghdin jiskontaw il-piena taghhom skond il-ligi bid-dinjità u r-rispett li l-bniedem jisthoqqlu, li jigu mghallma dwar l-impatt tad-delitti fuq il-vittmi, familji u komunitajiet taghhom, u li jittejbu l-prospetti taghhom ta' dhul lura b'success fis-socjetà wara li jinhelsu mill-habs; u*

*(b) Il-privazzjoni tal-libertà, biz-zamma ta' persuna fil-habs, hija piena fiha nfisha u l-kondizzjonijiet ta' dik il-privazzjoni ta' libertà u r-regim tal-habs ma ghandhomx jigu aggravati hlief kif ikun mehtieg ghal segregazzjoni gustifikabbli jew ghaz-zamma tas-sigurtà, il-bon ordni u d-dixxiplina.*" [sottolinear tal-Qorti]

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ir-Regolament 6 ghandu jigi moqri fil-kuntest ta' dawn il-principji u objettivi u huwa proprju ghal din ir-raguni illi s-subregolament 2 tal-istess regolament jghid kif ghandha ssir tfittxija jew *strip search* fuq prigunier. L-ghan tal-ligi huwa li jhares b'mod specifiku lill-prigunier minn kwalsiasi abbuz meta jinsab detenut f'habs u huwa evidenti illi prigunier jista' jkun suggett ghal abbuz izjed minn vizitatur, kif huwa evidenti wkoll illi l-posizzjoni tieghu hija wahda ferm izjed delikata u vulnerabbli minn dik tal-vizitatur. Il-prigunier, kuntrarjament ghall-vizitatur, m'ghandux ghazla jekk jidholx il-habs u la darba hemm, jehtieg li joqghod mar-regoli tal-habs u ghalhekk il-ligi tara li tirregola il-*modus operandi* tal-habs u tal-awtoritajiet tal-habs fil-konfront tal-prigunier. Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm fil-kaz tal-vizitatur, ir-Regolament 58 ma jispecifikax x'tip ta' tfittxija tista' ssir, biss apparti illi *strip search* mhijiex eskluza mill-istess regolament, fi kwalunkwe kaz ikun assurd illi wiehed jinterpreta din il-parti tal-ligi b'tali mod illi ghandha tfisser illi d-Direttur tal-habs huwa prekluz milli jordna li ssir *strip search* fuq vizitatur, ghaliex altrimenti qajla jkun f'posizzjoni li jezercita kontroll fuq dak li jidhol gewwa l-konfini tal-habs. L-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Habs jipprovdi illi meta persuna, li ma tkunx ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima, iddahhal jew tipprova ddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett ipprojbit skont xi regolamenti maghmula skont l-Att, tkun hatja ta' reat. Il-ligi, imbaghad, tirrizerva piena izjed harxa meta dak l-oggett ipprojbit ikun, fost ohrajn, medicina perikoluza skont il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew medicina kkontrollata b'regolamenti maghmula taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa evidenti illi sabiex tali projbizzjoni tigi reza effettiva, l-awtoritijiet tal-habs iridu jinghataw l-ghodda necessarja sabiex jaccertaw ruhhom illi oggetti projbiti ma jidhlux gewwa l-habs u meta si tratta dwar droga, huwa tant iehor evidenti illi *frisk search* mhux dejjem tkun sufficjenti sabiex jigi assigurat li persuna m'ghandhiex droga fil-

pussess taghha, proprju kif dan il-kaz stess jindika. La darba vizitatur jidhol gewwa l-habs, huwa jkun suggett ghal skrutinju u tali skrutinju, fil-fehma tal-Qorti, jinkludi wkoll *strip searches* li jassikuraw s-sigurta` u l-bon ordni gewwa l-habs. Naturalment, tali tfittxijiet ghandhom ikunu tali li jirrispettaw id-dinjita` tal-persuna, kif stabbilit fir-Regolament 6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja. Ghaldaqstant, anke hawn il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza.

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssostni wkoll illi l-i*strip search* li saret fuq l-imputata ma saritx skont il-ligi ghaliex ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs. Skont id-difiza, il-Maggur Maria Vassallo li tat l-ordni in kwistjoni, ma kinitx awtorizzata mid-Direttur tal-Habs sabiex taghmel dan. Tghid id-difiza illi baqghet ma ngabitx prova illi dakinhar, id-Direttur tal-Habs kien ta l-ordni in kwistjoni, li kienet biss il-Maggur li tat din l-ordni, liema Maggur ma kellha l-ebda setgha li taghmel dan.

Kif inghad izjed 'il fuq, ir-Regolament 58 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 260.03 jaghti l-awtorita` lid-Direttur li jordna tfittxijiet fuq vizitaturi fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ir-Regolament 2, imbaghad, ifisser il-kelma 'Direttur' bhala "*id-Direttur tal-Habs u tinkludi, sal-limitu ta' l-awtorita` moghtija, kull ufficjal pubbliku iehor awtorizzat ghal hekk mill-imsemmi Direttur bl-approvazzjoni tal-Ministru ghal dak il-perijodu ta' zmien li l-Ministru jiddeciedi*".

F'dan il-kaz, jirrizulta mill-provi prodotti illi kienet l-SWCO Maria Vassallo li tat l-istruzzjonijiet li ghandha ssir *strip search* fuq il-persuna li kienet ser izzur lill-priguniera Elaine Rapinett, li effettivament irrizulta li kienet l-imputata odjerna. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-istess SWCO Maria Vassallo, kif ukoll mix-xhieda ta' WCO Mary Azzopardi li tghid illi hija nghatat ordni mill-Maggur Maria Vassallo sabiex taghmel *strip search* lill-imputata. Kif inghad izjed 'il fuq, skont ir-Regolament 2, 'Direttur' tinkludi wkoll, sal-limiti tal-awtorita` moghtija, kull ufficjal pubbliku iehor awtorizzat ghalhekk mill-imsemmi Direttur, bl-approvazzjoni tal-Ministru. Fil-fehma tal-Qorti, la darba hija d-difiza li qeghda tikkontesta s-setgha tal-Maggur Maria Vassallo u li qeghda tallega illi din ma kellhiex is-setgha li tordna tali *strip search*, allura kien jispetta lilha li ggib il-prova li l-Maggur Vassallo ma kellhiex din is-setgha jew fi kliem iehor, illi ma kinitx awtorizzata mid-Direttur sabiex taghti ordni li ssir tfittxija lill-imputata. Din il-prova madankollu ma ngabitx.

In oltre fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Ottubru 2016, id-difiza talbet illi in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet 'Vella Bonavia et vs Dr. Beppe Fenech Adami noe', tad-29 ta' April 2016, li fi kliem l-istess difiza, xehtet dawl fuq l-attendibilita` tal-espert Dr. Martin Bajada, il-Qorti ghandha tordna l-isfilz tar-relazzjoni tal-istess espert f'dawn il-proceduri.

Jibda biex jinghad illi Dr. Martin Bajada gie nominat fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz bhala espert tekniku fl-informatika u telefonija ghall-analizi kollha necessarja. Jirrizulta wkoll illi fil-mori tal-istess inkjesta, b'digriet iehor tal-14 ta' Dicembru 2011, intlaqghet it-talba tal-istess espert sabiex jikseb kull informazzjoni minghand is-*service providers* dwar MSISDN 79861788 u 79824771. L-istess espert imbaghad ipprezenta r-relazzjoni tieghu f'dawn il-proceduri.[9]

Jidher illi proprjament fit-talba taghha, id-difiza kienet qeghda tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Joseph Chetcuti Bonavita vs Av. Beppe Fenech Adami noe** tad-29 ta' April 2016, permezz ta' liema ntlaqghet it-talba tal-atturi fis-sens illi r-rapport tal-periti addizzjonali u t-twegibiet li taw l-istess periti in eskussjoni jitnehhew mill-atti tal-kawza u dan fid-dawl tal-fatt illi wiehed minn dawn il-periti ossia Dr. Martin Bajada kien gie kkundannat ghal reati kriminali f'gurisdizzjoni barranija bil-konsewgenza ghalhekk skont l-istess Qorti, illi din l-informazzjoni dwar l-istess perit "*mhux biss setghet "skonvolgiet" lill-atturi izda wkoll tohloq thassib serju u nuqqas ta' fiducja mill-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-gustizzja*".

Dwar dan il-punt, madankollu, f'kaz iehor fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Janis Boruss**, fejn id-difiza bhal fil-kaz odjern, ukoll talbet l-isfilz tar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada a bazi tas-sentenza fuq citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-23 ta' Frar 2017, qalet hekk:

"*9. Nonetheless, this Court cannot fail to observe that the situation in the abovementioned case before the Court of Appeal in its Civil Jurisdiction was markedly different from the situation in this case. In that case, the expertise required was a calligraphic opinion due to an alleged forgery. In the present case, what was required was the extrapolation of data from a mobile phone and sim cards; this essentially constitutes a determination of facts*."

[9] Ara a fol. 62 sa 83 tal-process.

L-istess jinghad minn din il-Qorti f'dan il-kaz. Anke hawnhekk, l-espert Dr. Martin Bajada, a bazi tan-nomina tieghu, estrapola l-kontenut ta' *mobile phone* u *sim card* mghoddija lilu, ottjena *call profiles* minghand is-*service provider* GO Mobile u esebixxa *filtered calls* ta' Elaine Rapinett, liema telefonati gewwa mghoddija lilu mill-Ispettur Spiridione Zammit. Fl-adempjiment tal-inkarigu lilu moghti, l-istess espert ma esprima assolutament l-ebda opinjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tilqa' t-talba tad-difiza ghall-isfilz ta' din ir-relazzjoni.

Madankollu, il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tidhol fil-bqija tal-kwistjonijiet sollevati mid-difiza dwar dak li jirrizulta minn din ir-relazzjoni, ghaliex fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tista' tasal ghall-htija tal-imputata, fil-grad rikjest mil-ligi, mill-bqija tal-provi migjuba quddiemha.

Finalment irid jinghad ukoll illi l-Qorti mhijiex qed tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit in kwantu din tirreferi ghal dak li qal lilu Justin Zahra matul l-interrogatorju tieghu. Ghalkemm jidher mix-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit f'dan ir-rigward, illi Zahra kkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Neville Camilleri, biss din l-istqarrija guramentata baqghet ma gietx esebita f'dawn il-proceduri u in oltre l-istess Zahra baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk dak li seta' qal Zahra fl-interrogatorju tieghu, baqa' biss *detto del detto* u ma jaghmilx prova tal-veracita` tal-kontenut tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputata qeghda tigi akkuzata bit-traffikar tad-droga eroina u dan b'referenza ghat-3 ta' Novembru 2011 u s-seba' xhur ta' qabel din id-data.

In kwantu s-seba' xhur ta' qabel it-3 ta' Novembru 2011, din l-imputazzjoni hija bazata fuq l-istqarrija addizzjonali rilaxxjata mill-imputata nhar l-1 ta' Marzu 2012.

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssostni illi l-Qorti ghandha tiskarta din l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u dan stante illi d-dritt tal-assistenza legali ma

giex registrat, izda tirrizulta biss referenza ghal dan id-dritt permezz ta' mistoqsija li saret lill-imputata waqt l-interrogatorju taghha. In oltre skont id-difiza, din l-istqarrija ma gietx guramentata mill-imputata quddiem Magistrat, kuntrarjament ghall-istqarrija rilaxxjata minnha nhar it-3 ta' Novembru 2011. Id-difiza imbaghad tirreferi ghal zewg sentenzi, wahda tal-Qorti Kostituzzjonali u ohra ta' din il-Qorti, fejn l-istqarrija giet skartata, ghaliex l-imputati rispettivi f'dawk il-kazijiet ma nghatawx il-jedd li jottjenu parir legali qabel l-interrogatorju taghhom. Fil-fehma tal-Qorti, madankollu, kuntrarjament ghal dak li ssosnti d-difiza, fil-kaz odjern jirrizulta car mill-istqarrija nnifisha illi l-imputata nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Mill-istqarrija rilaxxjata minnha fl-1 ta' Marzu 2012, jirrizulta illi l-imputat inghatat s-solita twissija skont il-ligi. Imbaghad mill-istess stqarrija, jirrizulta wkoll is-segwenti:

"*M: Nghid sew li qabel ma bdejna inkellmuk jien w l-ispettur Zammit int gejt mistoqsija ghal darba ohra jekk ridtx tikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali w gejt moghtija wkoll is-solita twissija w cioe li int ghandek dritt ma tghidx affarijiet li jistaw jinkriminawk?*

*T: Iva*".[10]

Ghalhekk mill-bran citat, jirrizulta car illi l-imputata kkonfermat illi hija ma nghatatx biss is-solita twissija, izda wkoll id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrija taghha. Veru illi fl-istqarrija ma giex registrat jekk l-imputata ezercitatx dan id-dritt o meno[11], izda b'daqshekk ma jfissirx illi ma nghatatx dan id-dritt. Fiz-zmien in kwistjoni, kemm il-darba l-imputata ghazlet li tikkonsulta ma' avukat, allura kienet tapplika r-regola tal-inferenza, li altrimenti ma kinitx tapplika jekk l-imputata ma ezercitatx dan id-dritt. B'applikazzjoni tal-principju illi d-dubju ghandu dejjem imur favur l-imputata, din il-Qorti ma hija ser tinferixxi xejn u fi kwalunkwe kaz m'hemm il-htiega tal-ebda inferenza f'dan il-kaz. Lanqas il-fatt illi l-imputata ma kkonfermatx din l-istqarrija taghha bil-gurament m'ghandu jimpingi fuq din l-istqarrija. Ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali "*Kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew*

---

[10] A fol. 31 tal-process.

[11] Fil-fatt fix-xhieda tieghu (a fol. 53 tal-process), l-Ispettur Dennis Theuma jghid illi l-imputata regghet inghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel irrilaxxjat din l-istqarrija, liema dritt hija rrifjutatu.

*mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew xi twebbil ta' vantaggi*." Mill-provi processwali la tirrizulta xi allegazzjoni f'dan is-sens u wisq inqas jirrizulta illi din l-istqarrija ma gietx rilaxxjata b'mod volontarju jew inkella giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. In oltre ghalkemm fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid illi din l-istqarrija ttiehdet wara li l-imputat kienet ippanikjata, fil-fatt jirrizulta illi din l-istqarrija ttiehdet kwazi erba' xhur wara l-incident tat-3 ta' Novembru 2011.

Fl-istqarrija taghha tal-1 ta' Marzu 2012, l-imputata tghid illi qabel l-okkazzjoni tat-3 ta' Novembru 2011, li fiha hija nstabet fil-pussess tad-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, qabel zjara lill-priguniera Rapinett, hija kienet diga` dahhlet id-droga eroina gewwa l-habs lill-istess priguniera. F'din l-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi kien hemm izjed minn okkazzjoni wahda fejn hija dahhlet id-droga eroina lil Rapinett u dan "*fuq perjodu ta' sitt xhur bejn wiehed w iehor qabel ma gejt arrestata il-habs f'novembru 2011*".[12] Tghid ukoll illi hija hadet id-droga eroina lil Rapinett xi tliet darbiet.

Ghaldaqstant, kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha, huwa ben evidenti illi l-elementi kollha tar-reat ta' traffikar ta' droga jirrizultaw fil-grad rikjest mil-ligi. Ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kelma 'jittraffika' b'referenza ghal traffikar f'medicina, tinkudi kemm il-provvista, kif ukoll li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed mill-atti msemmija fl-istess sub-artikolu. Ghalhekk kemm il-provvista tal-medicina perikoluza, f'dan il-kaz l-eroina, kif ukoll li wiehed joffri li jipprovdi tali medicina, jaghtu lok ghar-reat ikkunsmat ta' traffikar ta' tali medicina perikoluza. M'hemmx dubbju illi b'ammissjoni taghha stess, in kwantu s-seba' xhur ta' qabel it-3 ta' Novembru 2011, l-imputata pprovdiet id-droga eroina lil Rapinett gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u in oltre in kwantu t-3 ta' Novembru 2011, ghalkemm l-imputata ma lahqitx ipprovdiet din id-droga stante illi giet imwaqqfa milli taghmel dan, biss jirrizulta car illi dakinhar hija offriet li tipprovdi l-eroina lill-istess Rapinett, tant illi dahhlet biha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fuq rikjesta tal-istess Rapinett, kif tikkonferma hija stess fl-istqarrija rilaxxjata minnha fit-3 ta' Novembru 2011 u kkonfermatha minnha quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Dwar l-offerta` li wiehed jipprovdi d-droga, inghad hekk fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-12 ta' Ottubru 2011, fil-kaz fl-

[12] A fol. 31A tal-process.

ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ronald Psaila</u>**, liema sentenza giet ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001) u dan b'referenza ghall-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, **<u>persuna turi</u>**, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "**Offering to Supply**" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "**An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply**" (vide kazistika indikata – pg. 776).*"

Kif imbaghad inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-istess ismijiet, fuq citata:

"*Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, appena l-appellant accetta li jaqdi lill-persuna li kienet cemplitlu immaterjalizza r-reat ta' traffikar fir-raza tal-cannabis u mhux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, ir-reat ta' tentattiv ta' traffikar*".

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, appena l-imputata accettat ir-rikjesta ta' Rapinett illi hija tipprokuralha d-droga eroina gewwa l-habs, liema rikjesta l-imputata tant accettatha illi effettivament dahhlet bid-droga eroina mohbija fil-parti taghha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin dakinhar tat-3 ta' Novembru 2011 sabiex tipprokuralha din id-droga, independentement mill-fatt jekk l-imputata rnexxilhiex o meno li tipprokura l-istess droga lil Rapinett, hija saret hatja ta' traffikar tad-droga eroina.

In oltre kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza, in-nuqqas ta' hlas lill-imputata jew li ma kinitx l-imputata li xtrat din id-droga, kif tghid id-difiza, huwa rrelevanti ghall-fini tar-reat ta' traffikar ta' droga. Il-fatt illi l-imputata pprovdiet id-droga lil Rapinett u li anke offriet li tipprovdilha tali droga huwa sufficjenti

sabiex jissawwar dan ir-reat. Mhux necessarju li jirrizulta illi kienet l-istess imputata li xtrat din id-droga minghand terzi, izda bizzejjed li kienet hi li pprovdiet dik id-droga jew li offriet li tipprovdiha. Lanqas ma huwa necessarju illi l-imputata rceviet xi hlas jew xi korrispettiv ghal din il-provvista. Il-provvista fiha nnifisha hija sufficjenti sabiex jimmaterjalizza r-reat in kwistjoni.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputata qed tigi akkuzata bir-reat ta' pussess tad-droga eroina, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li din ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha. M'hemmx dubju illi fil-jum in kwistjoni, l-imputata dahhlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fil-pussess tad-droga eroina, mohbija fil-parti taghha, proprju ghaliex ma kinitx intiza ghall-uzu taghha, izda ghal terza persuna ossia Rapinett. F'dan ir-rigward, ic-cirkostanzi tal-kaz jitkellmu wahedhom. In oltre mir-rapport tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta wkoll ampjament ippruvat illi s-sustanza in kwistjoni kienet droga eroina. Ghalkemm id-difiza tissottolinea l-fatt illi WPS 167 Justine Grech, fix-xhieda taghha, tirreferi ghal borza bit-trab kannella u zewb boroz bit-trab abjad u dwar dan il-Qorti diga` ghamlet l-osservazzjonijiet taghha izjed 'il fuq, fix-xhieda taghha WCO Mary Azzopardi, wkoll prezenti fil-hin li l-imputata ghaddiet id-droga lil WPS 167 tghid illi t-tliet "*bococ*" kienu jikkontjenu trab kannella. Dawn il-boroz jidhru fotografati fir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela u jidhru proprju kif iddeskrivithom WPS 167 fir-rapport taghha[13], ossia borza zghira u zewg boroz tondi zghar. Fir-ritratti ta' PS 465, imbaghad, tidher ukoll l-ingwanta tal-*latex*, li jsemmi l-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu, f'liema relazzjoni jindika wkoll tliet boroz zghar ta' lewn kannella.

Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata, ghalkemm il-Qorti qed tqis din l-istess imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputata giet akkuzata ukoll talli dahhlet jew ippruvat iddahhal oggett projbit ossia droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Jirrizulta mis-suespost, illi anke din l-imputazzjoni giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

---

[13] Esebit a fol. 41 tal-process.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputata bhala recidiva. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' zewg sentenzi – wahda fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg vs Claire Farrugia' tal-20 ta' Novembru 2008, moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta u ohra fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supt. Neil Harrison) (Spettur N. Ciappara) (Spettur Abraham Zammit) vs Claire Farrugia', moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2005[14]. Dwar l-ewwel sentenza, il-Qorti tinnota illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak tal-imputata odjerna u ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront taghha. Permezz tal-istess sentenza, l-imputata giet ikkundannata ghal tletin xahar prigunerija effettiva u multa. La mill-atti u lanqas mill-fedina penali fiz-zmien tal-kaz odjern ma jirrizulta illi l-piena ta' multa giet skontata ossia mhallsa fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u ghaldaqstant, permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti qed tqis lill-imputata recidiva fis-sens biss tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9. Dwar it-tieni sentenza, imbaghad, ossia dik tas-17 ta' Marzu 2005, is-Supretendent Norbert Ciappara ikkonferma fix-xhieda tieghu illi l-appellanti f'dik is-sentenza kienet proprju l-imputata odjerna.[15] Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat fil-konfront tal-istess imputata. Jirrizulta minn din is-sentenza illi f'dak il-kaz, l-imputata giet ikkundannata ghall-piena ta' tliet snin prigunerija u multa, liema multa kellha tithallas fi zmien sena. Apparti illi mill-atti ma jirrizultax meta l-imputata skontat din is-sentenza ta' prigunerija u ghalhekk jekk il-kaz odjern giex kommess fi zmien hames snin minn meta hija skontat dik il-piena, lanqas ma jirrizulta jekk hija skontatx il-piena tal-multa u ghalhekk anke f'dan il-kaz, l-imputata tista' titqies bhala recidiva biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema jirrizulta illi precedentement, hija nstabet hatja dwar reati konnessi mad-droga, inkluz traffikar tad-droga u giet ikkundannata ghal sentenza ta' prigunerija effettiva f'zewg okkazzjonijiet.

Qieset in oltre in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet li dwarhom qed tinstab hatja, kif ukoll illi f'dan il-kaz l-imputata dahhlet id-droga u anke pprovdietha

[14] Ara a fol. 154 sa 160 tal-process.
[15] Ara x-xhieda a fol. 161 u 162 tal-process.

gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-rijabilitazzjoni u ghar-riforma tal-abitanti tieghu. Ikkunsidrat ukoll l-ammont ta' droga fil-pussess tal-imputata fil-jum in kwistjoni u l-purita` tal-istess.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi minkejja li l-imputata baqghet ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, hija kkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Ikkunsidrat ukoll illi mid-dokument rilaxxjat minn Dr. Joseph Tonna u datat 25 ta' Ottubru 2016[16], jirrizulta illi ghalkemm l-imputata kellha vizzju serju ta' droga, hija ilha hielsa mid-droga mis-sena 2010. Kompliet l-istudji taghha b'success u bdiet tahdem fin-negozju tal-familja. Mix-xhieda ta' Josef Buttigieg tat-28 ta' Ottubru 2016[17], jirrizulta illi sa ftit snin qabel, l-imputata kienet studenta gewwa l-*MCast Institute of Business Management and Commerce* u spiccat l-istudji taghha b'success fis-sena 2014, meta ggradwat.

Ghal fini ta' piena, qeghda tqis ir-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (a) u (b) (it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet rispettivament) bhala assorbiti fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 (h) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' tnax-il xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin ewro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario

[16] Ara a fol. 228 tal-process.
[17] A fol. 230 sa 232 tal-process.

Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€394.06), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela ammontanti ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€23.28), kif ukoll l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u sitt ewro u disa' centezmi (€306.09). Dawn l-ispejjez ammontanti b'kollox ghas-somma ta' seba' mija, tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€723.43) ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm <u>fi zmien gimgha mil-lum</u>, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' proceduri ohrajn fil-konfront ta' terzi, b'dan illi f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat